MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 441/2013

Appell Nru: 441/2013

Il-Pulizija

Spettur Saviour Baldacchino

Vs

Harry Vella

Illum, 27 ta' Novembru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Harry Vella, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 409085M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bejn l-24 u l-31 ta' Ottubru, 2011, u fil-jiem ta' qabel, f'hinijiet differenti, fl-Imsida, meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1) Ma fittix li jiehu hsieb il-klieb tieghu meta kienu qeghdin idejqu lil xi hadd u dan bi ksur tal-artikolu 339(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2) Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
3) Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-11 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat l-artikoli 338(m) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat lhati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta' hamsin ewro (€50).

Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-Somma ta' elf erba' mija u tmienja u erbghin ewro u sitta u sittin centezmu (€1448.66) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata u tikkonfermaha fejn illiberatu u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u certament li ghandu jkun hemm temperament tal-ispejjez.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

L-esponenti kellu rapporti talli fil-21 ta' Lulju, 2011, fil-21 ta' Ottubru, 2011, fl-24 ta' Ottubru u fil-31 ta' Ottubru, 2011 li hija l-kawza li qed issr appell minnha u kawza ohra bejn l-1 u t-30 ta' Novembru, 2011. Dwar il-kawzi tal-21 ta' Lulju, 2011 u l-21 ta' Ottubru, 2011 huwa gie definittivament liberat.

Fil-kaz tal-llum, li minnhu qed isir l-appell, huwa gie misjub hati illi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jewe ghajjat jew xi mod iehor.

Din il-kwistjoni tqajjem diffikultajiet ghaliex gie definittivament deciz minn dawn il-Qrati illi ma tistax tkun kwistjoni ta' impressjoni soggettiva imma jrid ikun hemm ezami oggettiv tal-hsejjes illi jistghu ikunu attribwibbli ghall-imputat. Anke f'dan il-kaz, hekk gie segwit ghaliex fil-fatt gie nominat perit tekniku biex jiehu s-sound levels.

Is-sound levels huma ta' zewg tipi. L-ewwel hemm il-hsejjes ambjentali, imbghad warajhom jittiehdu fuq il-post partikolari. Meta gie biex ikejjel il-hsejjes ambjentali, il-perit tekniku qal illi dawk il-hsejjes ma kienux ta' xi area kwieta fil-kampanja imma qrib arterja fejn il-hsejjes huma kontinwi u jkunu gejjin mill-vetturi.

Meta gie biex jaghmel konstatazzjonijiet fuq id-dar partikolari tal-kwerelanti, gie konstata illi dawn ma jaqbzux il- 45 decibels. Quddiem il-Qorti giet esebita sentenza il-Pulizija vs Joseph Zerafa fejn kien hemm gabra ta' gurisprudenza wkoll dwar il-konstatazzjonijiet li jsiru mill-espert. Jekk wiehed jezamina verament il-konkluzjonijiet, la ma qabzux il-45 decibels, allura dak l-inkonvenjent f'dak l-ambjent ma setax jinghad illi kien hemm xi ksur tal-mistrieh tan-nies li m'huwiex sal-livell accettabbli.

Illi l-esponenti jaghmel ukoll riferenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Pulizija kontra Carmelo Mizzi moghitja f'Settembru 1972 Imhallef Fortunato Mizzi fejn kienet kwitjoni ta' ziemel li kien ihabbat saqajh u l-girien ghamlu ilment. Il-kliem mod iehor fl-imputazzjoni ifisser illi jrid ikun hemm agir tal-bniedem. Jekk bniedem iqabbad washing machine bil-lejl, huwa l-agir volontarju imputabbli lilu. Jekk iqabbad stereo, huwa fatt imputabbli lilu. Pero' ma tapplikax meta annimal illi

ghandu indipendenza tieghu jaghmel xi haga illi mbghad jirriuzlta illi ma kienx instigat mill-bniedem.

Illi l-esponenti jigbed l-attenzjoni ghal-fatt illi ma semmiex mill-perit tekniku illi bejn il-livel tal-bejt fejn jinsabu il-klieb tal-esponenti illi huma, jerga' jinghad, zghar, ghall-flat fejn joqghodu aktar 'l isfel il-kwerelanti, hemm distanza enormi. Dan mhux xi differenza ta' sular imma distanza sewwa. Ir-ritratti juru wkoll illi l-kliem huma zghar u mhux billi jibnhu l-hin kollu. Dan johrog car minn ritratt illi esebew l-istess kwerelanti fejn hadu ritratt tal-klieb, u ghalhekk certament rawhom, u dawn ma jidhrux bl-ebda mod jinbhu. U jirrizulta wkoll li kien hemm klieb kbar li jinbhu fl-inhawi.

Ghandu jinghad ukoll li meta sar l-access, l-espert talab li l-klieb igieghluhom jinbhu, ma kienx facli. Dawn huma companion dogs u mhux watch dogs.

Kif jirrizulta mill-istess perizja kien hemm erba' kawzi. L-esponent instab hati ta' kontravenzjoni fuq tnejn, b'liema mod allur ghandu jerfa' l-ispejjez anke proporzjonati ta' fejn gie liberat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Harry Vella jzomm xi klieb fir-residenza tieghu, 42, Triq il-Magna tas-Serrar, l-Imsida. Dawn il-klieb jidhru illi qeghdin ta' inkonvenjent ghal xi girien principalment Aldo Portelli li joqghod vicin l-appellant. Dan irrapporta dan l-inkonvenjent u l-pulizija ressqu lill-appellant sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat. Sabiex jghinha fid-deliberazzjoni taghha l-Qorti innomat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata dwar dan il-kaz u l-livell ta' hsejjes illi johrogu mill-fond tal-appellant. Il-perit ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fit-tmintax (18) ta' April elfejn u tlettax (2013) (fol 10). It-tekniku ikkonkluda li f'hinijiet partikolari cioé 7.00 a.m. u 5.00 p.m. matul il-jum jinbhu u fil-veru fatt jinstemghu anke mill-girien, kif xehdu l-istess xhieda prodotti mill-imputat. Matul il-lejl l-imputat u x-xhieda prodotti minnu jghidu li ma hemmx inkonvenjent. Però l-kwerelanti Portelli jilmentaw li l-inbieh itellfilhom il-mistrieh taghhom anke billejl. It-tekniku ghamel ukoll analizi tal-hsejjes u dan ikkonkluda illi meta l-

aperturi tal-fond tal-kwerelanti jkunu maghluqin kemm meta jkunu jinbhu l-klieb u anke meta ma jkunux, il-livell kostanti jaqbzu l-iskala ta' livell ta' 25 dba sa 35 dba, hekk kif irrakkomandata minn "American Society of Heating, Refrigerating and Air Conditioning Engineers". Fil-paragrafu sussegwenti t-tekniku jikkonkludi illi mill-analizi tas-sound levels illi ghamel irrizultalu illi meta l-aperturi tal-fond tal-kwerelanti jkunu miftuhin kemm meta jkunu jinbhu l-klieb kif ukoll meta ma jkunux, il-livell kostanti ma jaqbzux il-livell ta' 45 dba irrakkomandat mill-World Health Organization fid-dokument "Guidelines to Community Noise" bhala "open window value."

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi huwa l-aspett legali ta' dan l-appell il-Qorti tirrileva illi l-appellant huwa addebitat b'kontravvenzjoni illi jaqghu taht tlett artikoli, cioé ma fittix illi jiehu hsieb il-klieb tieghu milli jdejqu li xi hadd (artikolu 339(g)), kiser volontarjament il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku (artikolu 338(dd)), u billejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor (artikolu 338(m)). Peress li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati biss tat-tielet imputazzjoni, huwa biss dan li qed jigi kkunsidrat minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Qed jigi allegat illi l-klieb tal-appellant qeghdin idejjqu lill-girien u l-artikoli ikkwotati fl-imputazzjonijiet huma kontravenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku fejn kull min b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku. Issa, huwa ovvju illi jekk huma l-klieb li qeghdin jinbhu u li qeghdin idejjqu lill-girien, dan l-artikolu huwa kompletament inapplikabbli ghall-kaz. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju 1988 fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Maria Assunta Mangion" fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghal sentenzi ohra in materja u waslet ghall-konkluzjoni illi "f'dawn is-sentenzi li ghalihom qieghda ssir riferenza din il-Qorti kienet irrilevat u spjegat kif u ghaliex l-artikolu 338(dd) u bhalu l-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali ma jistghux jigu invokati

f'incidenti u kazijiet simili." Kwindi l-imputazzjoni intestata (3) ma tapplikax ghal storbju u inkonvenjent li talvola jista' jigi kagunat mill-inbieh tal-klieb li jdejqu lill-girien. Fuq dawn zgur illi l-appellant ma jistax jinstab hati. Kuntrarjament ghal dak illi ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------